MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2166/2003

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Dr. George Grech M.D.**

**Vs**

**Anthony Borg**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm864.50c (tmien mija w erbgha u sittin lira Maltin u hamsin centezmu) rapprezentanti danni sofferti minn Dr. George Grech u li ghalihom kellha taghmel fronti s-socjeta' attrici taht polza tat-tip *comprehensive* wara ncident awtomobilistiku li sehh fi Triq Hammieri, Qormi, nhar it-12 ta' Lulju 2001, meta sehhet kollizjoni bejn il-vettura targata HAL 987 misjuqa mill-konvenut u l-vettura KAI 321 misjuqa mill-assigurata tas-socjeta' attrici Rosalind Margaret Grech.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali nterpellatorja datata 13 ta' Gunju 2003 u ta' l-Ittra Ufficjali kontestwalmentipprezentata a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Joanne Vella Cuschieri tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------